C/2024/5759

24.9.2024

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.11687 — ALFI RE / PLAVI RE / PLANET KOPER)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2024/5759)

1. Fit-13 ta' Settembru 2024, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— ALFI RE, upravljanje alternativnih investicijskih skladov, d.o.o. ("ALFI RE", is-Slovenja), fl-aħħar mill-aħħar ikkontrollata minn Matjal-Filipič u Bojan Kunovar), f'isimha stess u għan-nom tal-fond speċjali ta' investiment ALFI RE,

— ERSTE d.o.o. – društvo za upravljanje obveznim i dobrovoljnim mirovinskim fondovima ("ERSTE d.o.o.", il-Kroazja), ikkontrollat minn Erste Group Bank AG ("Erste Group Bank", l-Awstrija),

— Iċ-ċentru kummerċjali Planet Koper, li jinsab fil-belt kostali Slovena ta' Koper (bl-indirizz f'Ankaranska cesta 2, 6000 Koper) ("Planet Koper").

ALFI RE u ERSTE d.o.o. se jakkwistaw, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) u 3 (4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' Planet Koper.

Il-konċentrazzjoni ssir bix-xiri tal-assi.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— ALFI RE, tinvesti fi proprjetà immobbli kummerċjali, li fil-biċċa l-kbira tinsab fis-Slovenja u l-Kroazja. Huwa parti mill-Grupp ALFI, grupp reġjonali ta' fondi ta' investiment alternattivi. Min-naħa tiegħu, il-Grupp ALFI huwa parti mill-Grupp Finanzjarju KF, li minbarra l-ġestjoni ta' fondi ta' investiment alternattivi, jikkombina kumpaniji attivi fil-qasam tal-ġbir tad-dejn u r-rapportar tal-kreditu, is-servizzjar ta' self improduttiv, il-kontabbiltà kif ukoll il-konsultazzjoni u l-valutazzjoni finanzjarja.

— Erste d.o.o. tamministra fondi ta' pensjoni obbligatorji u volontarji, filwaqt li hija parti mill-ERSTE Group, fornitur ta' servizzi fis-settur bankarju bl-imnut u korporattiv, is-swieq kapitali, is-settur pubbliku u n-negozju interbankarju.

3. L-attivitajiet kummerċjali ta' Planet Koper jinkludu ċentru kummerċjali li jgħaqqad il-ħwienet tal-bejgħ bl-imnut ma' ditti lokali u internazzjonali, kif ukoll supermarket, għażliet tal-ikel u ċinema.

4. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament simplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' koċentrazzjonijiet bejn l-impriżi ([2]) jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

5. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.11687 — ALFI RE / PLAVI RE / PLANET KOPER

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz ta' email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Posta elettronika: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË